IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Seduta solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Stqarrija għall-Istampa Nru 170/26

Il-Lussemburgu, 19 ta' Novembru 2026

Żewġ Membri ġodda tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jieħdu l-impenn solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Konformement mat-Trattati u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tas-17 ta' Frar u tat-28 ta' Settembru 2026, ħatar bħala Membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri lil Daniel Caspary (il-Ġermanja), għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2026 u d-29 ta' Frar 2032 u lil Gerald Loacker (l-Awstrija), għall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2026 u t-30 ta' Settembru 2032.

Illum fl-12.00 il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żammet udjenza solenni li matulha D. Caspary u G. Loacker ħadu l-impenn solenni previst fit-Trattati.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Immaġni tas-seduta solenni huma disponibbli fuq "Curia Web TV".

Ibqgħu konnessi!